KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 374

Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

374.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

374.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 373. Is-Sindku propona li jiġu approvati l-Minuti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

374.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku preżenta korrispondenza mis-SP għal Persuni b'Diżabilta' u Anzjanita' Attiva għan-nominazzjoni ta' persuni fil-Qasam tad-Dimensja u stieden lill-Kunsilliera biex iressqu ismijiet għan-nominazzjoni.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ssuġġeriet li jiġi nominat it-Tabib Mark Anthony Vassallo bħala persuna li ħadem man-nies bid-dimensja. Dr Vassallo serva bħala kunsillier lokali u huwa tabib speċjalizzat fil-kura tal-anzjani, inkluz dimensja. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. Is-Sindku qal li kien se jkellem lit-Tabib Mark Anthony Vassallo biex jiġi nominat mill-Kunsill Lokali għal dan il-premju.

Il-Viċi Sindku ressqet isem ta' resident biex jiġi nominat bħala persuna li qiegħed jgħix u jiddedika ħajtu għal martu li ħakmitha d-demensja. Il-Kunsill unanimament qabel u s-Sindku talab lill-Viċi Sindku tavviċina lill-individwu dwar in-nominazzjoni.

In-nominazzjonijiet jgħalqu fis-7t'Awwissu 2019.

374.4 **MAGF – Ħatra ta' rappreżentant fil-Bord**

Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-Majjistral Action Grupp talbu lill-Kunsill jinnomina rappreżentant fil-Bord.

Il-Kunsilliera, Alessia Psaila Zammit qalet li hija kienet serviet fil-bord meta kienet Sindku u nfurmat lill-Bord, kif jixraq, li t-tmexxija ġdida tal-Kunsill Lokali għandha tiddeċiedi min jibqa' jservi fuq dan l-bord. Hi qalet li kienet tistenna li s-Sindku jikkuntatjaha fuq din l-materja. Alessia Psaila Zammit staqsiet li la darba mhux se jservi s-Sindku fuq il-bord kif kien sar minn Sindki preċedenti, kellu jiġi kkunsidrat il-Kunsillier responsabbli minn fondi ewropej hekk kif l-funzjoni tal-bord hija għall-proġetti u attivitajiet b'fondi Ewropej, b'diversi inizjattivi marbuta wkoll mal-kultura u wirt storiku.

Is-Sindku qal li hu jixtieq jinnomina lil Rodianne Haber bħala Viċi Sindku u anka peress li wriet ix-xewqa tirrapreżenta l-Kunsill f'dan il-bord. Il-Kunsill qabel li tiġi nominata l-Viċi Sindku Rodianne Haber.

374.5 **Miżura 4.3 EARDF – Ftehim ma' Infrastructure Malta**

Is-Sindku qal li wara laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u mas-Segretarju Eżekuttiv rigward il-proġett pendenti tal-Fondi tal-Miżura 4.3, u wara li qara l-ftehim propost ma' IM sabiex dan il-proġett jiġi finalizzat fiż-żmien stipulat, u wara li l-Perit spjega li minħabba raġunijiet barra mill-kontroll tal-Kunsill intilef daqstant żmien prezjuż, b'riskju li l-proġett ma jitlestiex fi żmien u allura jintilfu l-fondi, huwa jipproponi li l-aħjar deċiżjoni tal-Kunsill tkun li jidħol f'dan il-ftehim.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill qatt ma għandu jaqbad u jiffirma kuntratt li jkun tfassal minn entita' oħra, mingħajr ma jikkonsulta mal-avukat tal-Kunsill Lokali biex jassigura li jkunu mħarsa l-interessi tal-Kunsill Lokali. Hija qalet li għandu jkun assigurat li jekk ikun hemm xi nuqqasijiet fil-*procurement* minn Infrastructure Malta, ikun stipulat li hija responsabbli IM għal dawn n-nuqqasijiet u bl-ebda mod m'għandu jiġi mfittex l-Kunsill Lokali għal nuqqasijiet ta' IM, b'mod partikolari jekk xi nuqqasijiet iwasslu biex ma jingħatawx l-fondi Ewropej. Hi għalhekk ssuġġeriet, li l-kuntratt ma jigix ffirmat qabel ikun assigurat mal-avukat tal-Kunsill li qed jiġu mħarsa l-interessi tal-Kunsill.

Hi qalet li l-Kunsill għandu jkun ċar li dan kuntratt ta' darba u bl-ebda mod ma huwa preċedent biex fondi Ewropej li jġib il-Kunsill Lokali jingħataw lill-Agenzji tal-Gvern. Hi sostniet li hemm alternattivi oħra li jista' jikkunsidra l-Kunsill Lokali u għandu dejjem ikun assigurat li jekk se jiġi rtirat t-tender li beda l-Kunsill Lokali ma jkunx hemm konsegwenzi legali kontra l-Kunsill Lokali.

Alessia Psaila Zammit qalet li dan il-kuntratt jista' jkollu benefiċċju biss għax l-awtoritajiet nfurmaw lill-Kunsill Lokali li mhux se jingħataw fondi addizjonali għal *unforeseen expenses* li jistgħu jinqalgħu waqt xogħolijiet għal dawn it-toroq, u li b'dan il-ftehim IM tagħmel tajjeb għal fondi f'każ ta' unforseen expenses. Tenniet li għandu jkun ċar li dan ikun kuntratt ta' darba u bl-ebda mod, il-Kunsill Lokali ma għandu jdaħħal prattiċi jew jikkunsidra bħala preċedent, li fondi allokati lill-Kunsill Lokali jibdew jingħataw lill-agenzji jew entitajiet oħra biex jagħmlu proġetti huma.

374.6 **Vacancy Clerk Scale 13 – Ħatra ta' interviewing board**

Is-Sindku propona li jinħatar Interviewing Board b'dawn il-membri:
Is-Sindku bħala chairman, il-Viċi Sindku Rodianne Haber, il-minority leader Alessia Psaila Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li kienu riċevuti 9 applikazzjonijiet u propona li l-interviews isiru nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019. Il-Kunsill unanimament qabel.

374.7 **Installazjoni ta' Acs fl-Uffiċini tal-Kunsill**

Is-Sindku ressaq proposta għall-installazjoni ta' Air Conditionioners fl-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati. L-ispiża hija madwar elfejn ewro.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

374.8 **Xogħlijiet fil-lattrina ta' Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li nġiebu stimi għax-xogħlijiet li jonqos u x-xogħol fil-lattrina ta' Għar Lapsi qed jitkompla minn kuntrattur ieħor. L-istimi telgħu għal 10,000 għall-ispejjeż tal-fossa, u madwar 10,000 għas-sanitary ware u dawl (xogħol u materjal). Bħalissa qed isir it-tħaffir għall-fossa, malli tkun lesta jitkompla x-xogħol fuq it-twaħħil tas-sanitary ware u d-dawl. Wara diversi spezzjonijiet fuq il-post bil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill, jidher li x-xogħol anka fil-proġett tal-Park mill-ħaddiema tad-Dipartiment miexi sew.

Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill, flimkien mal-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv biex isir rendikont tal-proġett tal-lattrina.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien sar tindif tal-blat u wiring urġenti mill-Ministeru minħabba periklu ta' blat li kien qed jaqa'. Saru wkoll railings ġodda u twaħħal id-decking fil-bajja. Kompla jgħid li bħalissa qed isir xogħol ta' żebgħa u manutenzjoni fil-bajja ta' Għar Lapsi mill-ħaddiema tar-Reġjun

374.9 **Approvazzjoni – Tiġdid ta' polza ta' assikurazzjoni**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-polza ta' assikurazzjoni għal Public Liability & All Risks kienet waslet biex tiskadi. Hija preżentat ir-rapport tal-Insurance Broker u ressqet l-aktar stima vantaġġjuża dik ta' l-MIB għall-ammont ta' €4891 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġġedded il-polza tal-assikurazzjoni kif spjegat.

374.10 **Ġbir ta' skart il-Ħdud fis-Sajf**

Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill talab lil Wasteserv Ltd. il-possibilita' li jsir il-ġbir tal-iskart organiku nhar ta' Ħadd fis-Sajf, minflok l-iskart imħallat kif kien isir sas-sena l-oħra, il-Kunsill ġie mgħarraf li skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 (2018), huwa projbit li jsir ġbir ta' skart il-Ħadd.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ma taqbilx li xi ħaġa bħal din tiġi imposta fuq kull lokalita'. Hija qalet li għandha tintbagħat pożizzjoni bil-miktub lill-Ministru li permezz tagħha jingħad li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ma jaqbilx li ma jinġabarx skart il-Ħadd u l-Kunsill jitlob lill-Ministru jirrevedi r-regolamenti sabiex ikun jista' jinġabar skart organiku fis-Siġġiewi, nhar ta' Ħadd, fix-xhur tas-Sajf.

Is-Sindku qabel li jsir dan. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-pożizzjoni għandha titfassal dak l-ħin waqt l-laqgħa. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu ma' din il-pożizzjoni:

Billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi offra s-servizz ta' ġbir ta' skart il-Ħdud bejn Lulju u Settembru għal diversi snin;

Billi skond il-L.S. 549.40 li daħlet fl-2018 mhux permess ġbir ta' skart nhar ta' Ħadd;

Billi, fis-Sajf jiżdiedu l-attivitajiet li jiġġeneraw ammont sostanzjali ta' skart speċjalment fil-weekends;

Billi fis-Siġġiewi, bit-tielet l-ikbar żona rurali f'Malta, dan l-iskart jirriżulta f'iktar abbuż ta'

rimi illegali fil-kampanja u sussegwentament iktar spejjeż biex jitnaddaf;

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, illum 4 ta' Lulju 2019, irriżolva illi jikteb lill-Ministeru tal-Ambjent biex jiġi provdut is-servizz ta' ġbir tal-iskart organiku fil-Ħdud, bejn Lulju u Settembru.

374.11 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar

Is- Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

374.11.1 PA/02911/16 – Żvilupp Lapsi View Bar & Restaurant, Għar Lapsi, Siġġiewi

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni għal din l-applikazzjoni, għal żvilupp ta' guesthouse minflok ir-ristorant eżistenti fiż-żona ta' Għar Lapsi. Hija infurmat li l-Kunsill kien diġa' ssottometta l-i*standard letter* u sottomissjoni oħra li teseġi li jsiru studji ambjentali, infrastrutturali u oħrajn b'rabta mal-applikazzjoni, u li l-Kunsill Lokali jkun infurmat b'kull żvilupp f'din l-applikazzjoni. Fis-sottomissjoni tiegħu, il-Kunsill irriserva d-dritt li jagħmel aktar sottomissjonijiet wara konsultazzjoni teknika u mal-pubbliku. Alessia Psaila Zammit qalet li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħti parir lill-Kunsill fuq l-aspett tekniku ta' din l-applikazzjoni biex jiġi stabbilit jekk hemmx lok għal aktar sottomissjonijiet jew oġġezzjoni ċara għall-proġett. Il-Kunsillier Julian Borg qal li minħabba li l-perjodu għall-oġġezzjonijiet kien għalaq ftit jiem qabel, ikun għaqli li minkejja li l-Kunsill rriserva d-dritt li jagħmel aktar sottomissjonijiet, huwa mportanti li dawn jiġu mħejjija u mibgħuta sa tmiem il-ġimgħa ta' wara l-laqgħa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

374.11.12 PC/0004/19 - change in alignment – to retain road layout as per existing road configuration to date" fi Triq Ramija, Siġġiewi

Il-Kunsillier Julian Borg wara li ta spjegazzjoni, propona li l-Kunsill joġġezzjoni għal din id-deċizjoni tal-PA. Il-Kunsill unanimament qabel.

374.12 Rapport tal-Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

374.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ittra mingħand OPAL li huwa il-kuntrattur għas-supply tal-playground equipment (Kuntratt LCS8/17) għal Għar Lapsi. Is-Sur Bonello qal li peress li x-xogħlijiet fil-park tal-Għar Lapsi għadhom għaddejjin, u li skond il-kuntratt il-playgound equipment kellu jeħel xhur ilu, qed jitlob li jitħallas il-50% tal-ammont. Is-Sindku qal li fil-kuntratt hemm miktub li l-ħlas isir wara ċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol mill-Perit u għalhekk wara li l-apparat ikun twaħħal fil-post, għalhekk it-talba li jsir ħlas bil-quddiem ma ġietx aċċettata.

374.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Financial Statements għal perjodu Jannar-Marzu 2019. Wara spjega tal-pożizzjoni finanzjarja għall-aħħar ta' Marzu, is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

374.12.3 Skema – LCC care project - Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat lill-Kunsill dwar din l-iskema għall-kura tal-annimali fil-komunita'. Hija qalet li diġa tkellmet ma' diversi voluntiera li jitimgħu l-qtates f'diversi toroq fis-Siġġiewi, u talbu li l-Kunsill jgħin fi neutering, għalhekk proponiet li l-Kunsill japplika għal neutering vouchers u nases. Is-Sindku propona li l-Kunsill jivvota €500 mill-budget tal-Kunsill għal dan il-proġett. Il-Kunsill unanimament qabel.

374.12.4 Skema Lifelong Learning SPI11/2019 – Is-Sindku irrefera għaċ-Ċirkulari SPI11/2019. Is-Sindku propona li ssir applikazzjoni għal Air Conditioning f'parti mis-Sala fejn isiru dawn il-korsijiet minħabba li s-Sala mhix mgħammra adekwatament biex tilqa fiha l-istudenti. Il-Kunsill unanimament qabel.

374.12.5 Skema Finanzjarja SPI/SCI/10/2019 – Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunita' - Il-Kunsilliera Haber qalet li l-kriterji għal din l-applikazzjoni huma inklussivita' ta' persuni vulnerabbli, anzjani, attivitajiet li jiprovdu għarfien dwar storja, kultura, tradizzjoni, artiġġjanat u proposti innovativi. Hija qalet li l-binja tal-librerija pubblika ma jippermettix li jsiru dawn l-affarijiet għax mhemmx spazju u mhix mgħammra. Peress li huwa l-għan tal-Kunsill li jorganizza attivitajiet ta' inklużjoni, hija ssuġġeriet li dawn l-attivitajiet isiru fiċ-Ċentru Ċiviku li fiha jistgħu jintlaħqu l-kriterji kollha. U proponiet li l-Kunsill japplika għall-massimu tal-ammont, għax xiri ta' motorised projector screen u projector u VCRs fis-Sala ta' isfel. Il-Kunsill unanimament qabel u alloka s-somma ta' €500 mill-budget tal-Kunsill għal din l-iskema.

374.13 Rapport tal-ilmenti

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

374.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku issospenda l-laqgħa biex jitkellem il-pubbliku.
Il-laqgħa tkompliet.

374.14.1 Is-Sindku talab aktar dettalji fuq il-kont ta' JB Concrete Works għall-provvista ta' konkos għat-toroq tal-bdiewa. Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lis-Sindku biex jara l-file relattiv għal aktar dettalji. Is-Sindku talab li għalissa l-pagament lil JB Concrete Works għal provvista' ta' konkos għat-toroq tal-bdiewa jinżamm pendenti.

374.14.2 Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti (eskluż il-kont imsemmi hawn fuq) b'mod unanimu.

374.15 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ

374.15.1 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm rikjesta għal mera tat-traffiku fi triq Mons. Mikiel Azzopardi biex toħroġ minn Triq il-Ħsad, minħabba trakkijiet u vetturi li jieqfu jixtru u jipparkjaw mar-roundabout. Il-Kunsillier Julian Borg qal li mera mhix is-soluzzjoni għal ipparkjar illegali. Is-Sindku propona li jsir refreshing tad-double yellow lines mar-roundabout u jiġu nfurmati l-pulizija għal infurzar.

374.15.2 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn TM fuq Triq Mons Mikiel Azzopardi wara li għal diversi xhur il-Kunsill kien baqa' mingħajr tweġiba għal talbiet li saru lill-Awtorità għal aktar sigurtà fil-bypass. Hi qalet li jidher li r-rakkomandazzjonijiet jeskludu xi talbiet li kienu saru mill-Kunsill u ssuġġeriet li s-Sindku u l-Kunsillier Julian Borg u hi jiddiskutu l-miżuri approvati u oħrajn li huma bżonjużi. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u s-Sindku qabel li jorganizza dawn l-laqgħat.

374.15.3 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill kien irċieva ordni mill-Pulizija biex jitpoġġew aktar barriers fi Triq l-Imqabba minħabba parti li qed tisfronda. Hi qalet li għandhom jitpoġġew immedjatament minħabba periklu għas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

374.15.4 B'rabta ma' din it-triq, Alessia Psaila Zammit fakkret li IM kienu qablu li jiffinanzjaw x-xogħolijiet jekk jagħmilhom l-Kunsill Lokali biex ineħħi l-periklu minn Triq l-Imqabba. Meta l-Kunsill Lokali permezz tal-Perit lesta l-istima tax-xogħlijiet, il-Kunsill ġie nfurmat li mhux se jitħallsu ghax hemm pjan mill-Gvern li titwessa’ t-triq. Alessia Psaila Zammit qalet li l-istima għax-xogħolijiet bi bżonn imminenti, kienet tammonta għal madwar €250,000. Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-Kunsill Lokali għandu jiċċekja mal-awtorita’ fiex waslu l-pjani ghat-twessiegħ tat-triq u x'effetti eżatt se jkollhom dawn ix-xogħolijiet. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tinġieb din l-informazzjoni mill-awtoritajiet.

374.15.5 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li għandu jingħata rikonoxximent tal-ħidma u apprezzament lill-eks Kunsilliera Gillian Farrugia Pace li serviet fil-leġislatura ta' qabel u li ma kienitx reġgħet ġiet eletta fil-Kunsill Lokali għal din l-leġislatura.

374.15.6 Il-Kunsilliera Francine Farrugia proponiet li jsir studju għal immaniġjar ta’ traffiku aħjar fit-tarf tas-Siġġiewi fi Triq Sta. Margerita lejn il-benniena. Il-Kunsillier Julian Borg qal li bħala soluzzjoni temporanja diġa hemm ftehim mat-TM biex jiġu installati bollards u jiżdiedu xi road markings fil-jiem li ġejjin.

## 374.16 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm. Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 5t’Awwissu fis-6.30p.m. Il-Kunsill qabel b’mod unanimu.

Konfermati, illum 5t’Awwissu 2019

| | |
|---|---|
| Dr Kurstein N. Sant | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |